**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4508/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kamal El Katatny**

Illum 24 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kamal El Katatny**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 437011(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Settembru 2023 għal ħabta ta' 12.50hrs ġewwa "Vehicle Inspection Unit Garage", Luqa:

1. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO 392 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

2. bħala sid jew xufier ta' l-imsemmija vettura naqas li jżomm il-vettura nadifa u fi stat tajjeb ta' tiswija;

3. saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO 392 mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u lliberatu minnha wara li ddikjarat li ma kinitx enforzabbli minnha, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 126 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u kkundannatu multa ta' erba' mitt Euro (€400). Il-Qorti ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tmien (8) t'ijiem.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"jogħġobha: 1. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant Kamal El Katatny mhux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;*

*2. tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Kamal El Katatny ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; u*

*3.minflok għar-raġunijiet fuq premessi ssib lill-appellant Kamal El Katatny mhux ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minflok għar-raġunijiet fuq premessi tilliberah mill-ewwel u tieni imputazzjoni miġjuba kontrih."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Ġunju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fl-1 ta' Settembru 2023 uffiċjali ta' Transport Malta kienu qed iwettqu spezzjonijiet fil-Vehicle Inspection Unit (VIU) f'Ħal Luqa fejn huma raw vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO 392. Is-sewwieq tal-vettura ntalab għad-dokumenti u rriżulta li dan allegatament kien l-appellant allura imputat. Jidher li l-vettura kellha l-liċenzja skaduta u li d-dwal tagħha ma kienux tajbin kif ukoll li n-numru tal-pjanċa ma kinitx viżibbli b'mod ċar.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed b'numru ta' ilmenti. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex

> tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imsemmi mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-aggravju mressaq mill-appellant huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment issib ħtija fih fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Fl-aggravju tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti żewġ ilmenti:

- Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant jisħaq li ma tressqet l-ebda prova rigward il-fatt li kien huwa li kien verament qed isuq il-vettura li ma kinitx liċenzjata. Jgħid li l-uffiċjali ta' Transport Malta kien messhom għamlu affidavit li jispjega bl-aktar mod ċar kif ġraw l-affarijiet. Jgħid ukoll li kien dover tal-Prosekuzzjoni li tipprova min kien qed isuq il-vettura. Jisħaq li fl-affidavits tal-Uffiċjali ta' Transport Malta ma hemm xejn x'jindika f'liema ħin huma rawh isuq il-vettura jew ta' kif din waslet fil-post fejn saret l-ispezzjoni. Jilmenta li l-użu tal-kelma "sewwieq" mhux biżżejjed biex tidentifikah li kien qed isuq il-vettura. Ikompli li ma hemmx deskrizzjoni ta' kif din il-vettura waslet, jekk kinitx misjuqa jew kinitx irmunkata sal-post.

- Rigward it-tieni (2) imputazzjoni, l-appellant jilmenta li fl-affidavits imressqa ma hemm xejn x'jindika l-istat tal-vettura jekk kinitx nadifa jew fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Jgħid li biex tinsab ħtija, l-Ewwel Qorti kellha tkun murija mill-Prosekuzzjoni x'kien hemm ħażin fil-vettura.

Illi dwar l-aggravju mressaq mill-appellant u l-ilmenti msemmija fih, din il-Qorti tirreferi għall-affidavits imressqa mill-Uffiċjali ta' Transport Malta, ossia l-affidavit ta' EO 002 Ranier Lia (*a fol.* 3) u l-affidavit ta' EO 284 Nicholas Calleja (*a fol.* 4). Minn dawn l-affidavits jirriżulta li fl-1 ta' Settembru 2023 fil-12.50hrs l-uffiċjali ta' Transport Malta nnutaw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO 392. Huma jidentifikaw lis-sewwieq bħala l-appellant. Mill-affidavit ta' Stephen Cachia (in rappreżentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 5) jirrizulta b'mod ċar li fid-data tal-ispezzjoni l-vettura in kwistjoni kienet bla liċenzja. Għalhekk meħud in konsiderazzjoni dak li jirriżulta fl-affidavits imsemmija u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li jirriżulta li l-appellant allura imputat għażel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti u ma ressaq l-ebda provi (kif *del resto* kellu kull dritt li jagħmel) u anqas biss għamel kontro-eżami tal-persuni li hejjew l-affidavits li jirriżultaw fl-atti proċesswali, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ilmenti mressqa mill-appellant rigward l-ewwel (1) imputazzjoni huma fattwalment meruti mill-provi. Kieku l-appellant ma kienx qed isuq il-vettura ma kienx jiġi identifikat bħala s-sewwieq. Konsegwentement fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi rigward it-tieni (2) imputazzjoni, din il-Qorti tinnota li għalkemm mhux wisq dettaljati, l-affidavits ta' EO 002 Ranier Lia u EO 284 Nicholas Calleja jispjegaw li d-dwal fil-vettura ma kienux tajbin u n-numru tal-pjanċa ma kienux viżibbli b'mod ċar. Rigward din id-deskrizzjoni għalkemm hija xi ftit fqira xorta trid titqies bħala prova. Konsegwentement, tenut kont li ma hemm l-ebda prova li tmeri dak li jgħidu l-uffiċjali ta' Transport Malta, din il-Qorti tqies li anke fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi għalhekk isegwi li l-aggravju tal-appellant qed ikun miċħud *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kamal El Katatny u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat li l-iskwalifika milli l-appellant ikollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmien (8) t'ijiem għandu jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**